**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rik. Nru. 498/10VG**

**Andrei Grech li jopera taħt l-isem A.G. Installations**

**Vs**

**Christian Muscat u martu Claire Muscat Said**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Andrei Grech, li jopera taħt l-isem A.G. Installations, fit-23 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tikkundanna lil Christian Muscat u lil martu Claire Muscat Said iħallsuh is-somma ta' sitt elef erba' mija u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€6,460.50) rappreżentanti l-bilanċ minnhom dovut għal xogħlijiet ta' installazzjoni ta' servizz ta' elettriku, *plumbing* u *drains*, flimkien ma' *extra works*, minnu eżegwiti fuq inkarigu taħghom fil-fond "Akalanka" Triq il-Lellux, Rabat, Malta, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-Rikors sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż fil-konfront ta' Christian Muscat u martu Claire Muscat Said;

Rat ir-Risposta ta' Christian Muscat u martu Claire Muscat Said permezz ta' liema jeċċepixxu li: (i) huma ma għandhom iħallsu xejn u dana peress illi x-xogħol li sar mill-attur ma sarx skond is-sengħa u l-arti; u (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, is-somma ta' flus mitluba mill-attur hija esaġerata u għolja żżejjed;

Rat li b'Digriet datat 14 ta' Jannar 2011[1], minħabba n-natura teknika tal-kawża, il-Qorti innominat lill-Inġinier Andrè Cauchi sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija quddiem il-Perit Tekniku minn: l-attur, waqt is-seduti tal-25 ta' Ottubru 2011[2] u tat-13 ta' Marzu 2012[3], Eric Montfort, rappreżentant

---

[1] Fol. 8 tal-proċess
[2] Fol. 60 sa' 63 tal-proċess
[3] Fol. 65 u 66 tal-proċess.

tal-Korporazzjoni Enemalta waqt is-seduti tat-3 ta' April 2012[4], ta' l-10 ta' Mejju 2012[5] u ta' l-4 ta' Ġunju 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 112 sa' 133 tal-proċess, il-konvenuta waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha a fol. 98 sa' 111 tal-proċess, il-konvenut waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2014[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 134 sa' 139 tal-proċess, rat l-affidavits ta' Carmel Grech u ta' l-attur a fol. 76 sa' 79 tal-proċess u rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' Marzu 2012 a fol. 80 sa' 97 tal-proċess;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi a fol. 47 sa' 139 tal-proċess, minnu debitament maħlufa waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2016[9];

Rat li b'Digriet datat 19 ta' Mejju 2016[10] il-Qorti, fuq talba tal-konvenuti, innominat lill-Inġinier Joseph Micallef, lill-Inġinier Edwin Aquilina u lill-Inġinier Anabel Cutajar bħala Periti Perizjuri;

Rat li b'Digriet datat 5 ta' Diċembru 2016[11], il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu bħala xhieda lil William Borg u lil rappreżentant ta' BD Installations u sabiex jiġi estiż l-inkarigu tal-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi sabiex jisma lill-imsemmija żewġ xhieda;

Rat in-Nota ta' l-attur ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2018[12], fejn in segwitu għal seduta miżmuma mill-Periti Perizjuri ressaq diversi punti dwar ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi;

Rat li b'Digriet datat 28 ta' Mejju 2018[13], il-Qorti ordnat lill-Periti Perizjuri jżommu aċċess ieħor - peress li l-ewwel aċċess iffissat minnhom ma nżammx in kwantu l-konvenuti ma fetħux - b'dana li jinfurmaw bl-appuntament lill-partijiet direttament u mhux biss lill-Avukati tagħhom u dana permezz ta' ittra mibgħuta bil-posta ordinarja u kemm-il darba wara d-debita notifika l-konvenuti jibqgħu ma jiftħux, il-Perit Perizjuri kellhom b'effett immedjat jinfurmaw lill-Qorti biex jittieħdu l-provvedimenti opportuni u dana anke, jekk ikun il-każ, ir-revoka tan-nomina tal-Periti Perizjuri minħabba nuqqas ta' interess tal-parti li talbet in-nomina tagħhom;

Rat li b'Digriet datat 20 ta' Novembru 2018[14], il-Qorti dderiġiet lill-Periti Perizjuri sabiex jillimitaw l-inkarigu tagħhom għall-eżami tar-rapport li sar mill-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti u dana għall-fini li jiddeterminaw jekk fid-dawl tal-provi sottomessi tul is-smigħ tal-proċeduri - u b'hekk a konjizzjoni ta' l-ewwel Perit Tekniku - ir-Rapport ta' l-imsemmi Perit Tekniku huwiex korrett jew le. Idderiġiet lill-Periti Perizjuri biex bl-ebda mod ma jieħdu konjizzjoni ta' kwistjonijiet li ma ġewx sollevati quddiem l-ewwel Perit u bl-ebda mod ma għandhom jirrelataw dwar kwistjonijiet li ma jirriżultawx mill-atti proċesswali;

---

[4] Fol. 67 tal-proċess.
[5] Fol. 68 tal-proċess.
[6] Fol. 69 tal-proċess.
[7] Fol. 70 u 71 tal-proċess.
[8] Fol. 73 tal-proċess.
[9] Fol. 46 tal-proċess.
[10] Fol. 141 tal-proċess.
[11] Fol. 150 u 151 tal-proċess.
[12] Fol. 156 tal-proċess.
[13] Fol. 108 tal-proċess.
[14] Fol. 162 tal-proċess.

Rat ir-Relazzjoni tal-Periti Perizjuri a fol. 171 sa' 183 tal-proċess, minnhom debitament maħlufa waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2019[15];

Rat li fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2020, il-partijiet kontendenti ddikjaraw li huma jirrimettu ruħhom għar-Relazzjoni tal-Periti Perizjuri[16];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' €6,460.50, rappreżentanti l-bilanċ minnhom lilu dovut għal xogħol ta' installazzjoni ta' servizz ta' l-elettriku, *plumbing* u *drains*, flimkien ma' *extra works*, minnu esegwit fuq inkarigu tagħhom fil-fond "Akalanka" Triq il-Lellux, Rabat, Malta. Il-konvenuti jopponu għat-talba attriċi stante li: (i) ebda ħlas ma huwa minnhom lilu dovut peress li ix-xogħol ma ġiex esegwit skond is-sengħa u l-arti; u (ii) fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju, l-ammont mitlub huwa eżagerat.

Minħabba n-natura teknika tal-kawża odjerna l-Qorti, b'Digriet mogħti fl-14 ta' Jannar 2011[17], innominat lill-Inġinier Andrè Cauchi bħala Perit Tekniku, sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talba attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti quddiem il-Perit Tekniku jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Il-konvenuti kienu avviċinaw lill-attur għall-fini ta' l-installazzjoni tas-sistema tad-dawl u ilma u drenaġġ fil-fond "Akalanka" Triq il-Lellux, Rabat, Malta;
- L-attur, li jopera bl-isem ta' A.G. Installations, kien, fiż-żmien in kwistjoni, għadu qed jipprova jottjeni l-liċenzja ta' electrician iżda missieru, illi jaħdem miegħu, huwa electrician iċċertifikat u kien jiċċertifika x-xogħol illi jagħmel hu;
- L-attur kien bagħat stima għall-valur tax-xogħlijiet lill-konvenuti - Dok. "C" a fol. 83 tal-proċess - u wara li din ġiet aċċettata minnhom inbdew x-xogħlijiet f'Novembru ta' l-2009;
- Tul il-kors tax-xogħlijiet il-konvenuti bdew iżidu x-xogħol li kellu jsir;
- Matul il-kors tax-xogħlijiet, il-konvenuti għamlu tlett pagamenti lill-attur fl-ammonti ta' €1,500, €1,500 u €1,000, komplessivament ammontanti għal €4,000;
- Wara li tlestew ix-xogħlijiet u l-attur bagħat il-kont finali tiegħu, Dok. "E3" sa' Dok. "E7" a fol. 91 sa' 96 tal-proċess, il-konvenuti ma ħallsuhx għaliex ma kienux sodisfatti bix-xogħol esegwit;
- Għalkemm huwa kien jirrimedja fejn indikat mill-konvenuti u għalkemm kien "ħa hsiebhom" fejn jidħlu rati, il-konvenuti baqgħu ma riedux iħallsu;
- Xi żmien wara li tlesta x-xogħol il-konvenuta infurmat lill-attur li hija kienet ħadet *shock* minn *switch* u meta finalment hija ħallietu jaċċedi fil-fond biex jara x'ġara, irriżulta li l-lavrant tiegħu għalkemm waħħal is-switches ma kienx qabbad l-earth mal-pjanċi tal-metall ta' l-iswitch;
- Il-konvenuta ma ħallietx lill-attur jirrimedja għal dan ix-xogħol u inkarigat lill-ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol rimedjali meħtieġ;

[15] Fol. 193 tal-proċess.
[16] Fol. 195 tal-proċess.
[17] Fol. 8 tal-proċess.

- Wara dan l-inċident il-konvenuti ma riedux iħallsu lill-attur u infurmawh ukoll illi ma kienux sodisfatti b'ħafna mix-xogħlijiet esegwiti, kif aħjar elenakti fl-affidavit tal-konvenuta esebit a fol. 98 u 99 tal-proċess;
- Apparte l-ilmenti dwar ix-xogħol, il-konvenuti jikkontestaw il-mod kif inħadem il-kont finali peress illi skonthom huwa totalment differenti mill-istima u l-kwantitajiet ta' xi affarijiet imniżżlin fil-kont kienu inqas minn kif indikat mill-attur.

A bażi tal-provi prodotti quddiemu u ta' dak li rriżultalu waqt aċċess li nżamm fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi kkonstata u kkonkluda li: *hemm żewġ aspetti f'dan il-każ, wieħed tekniku u wieħed monetarju. <u>Fuq l-aspett tekniku</u> - Minn affidavit ta' Andrei Grech id 212785(M) u ta' missieru Carmel Grech ID 592051(M). Andrei Grech ma kienx electrician kwalifikat. Peress li Carmel Grech huwa l-electrician kwalifikat li ttestja u ċċertifika l-imsemmija installazzjoni, u li iffirma għall-applikazzjoni ta' l-eletriku, Carmel Grech huwa l-persuna responsabbli. Fil-każ tal-"Fuse" tal-provvista prinċipali (Enemalta) minn affidavits tagħhom stess huwa ċar li dan l-incident kien dovut għal installazzjoni ħażina ta swiċċ tal-pompa li saret minn Andrei Grech (jew l-impjegati tiegħu). Dan seħħ wara li kienet installata l-provvista ta' l-elettriku, għalhekk l-installazzjoni ta' swiċċ tal-pompa kellha tkun ittestjata minn electrician "kwalifikat" qabel saret il-konnessjoni mal-provvista tad-dawl. Il-problema kienet rettifikata mill-electrician kwalifikat Carmel Grech. Fir-rigward l-inċident nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2010, fejn il-konvenuta sostniet li l-konnessjoni ta' l-earth fuq il-pjanċa ta' s-swiċċ kienet nieqsa, il-punti importanti huma: ix-xogħlijiet ta' l-elettriku intqal li kienu tlestew sa' Lulju, ix-xogħlijiet l-oħra intqal li kienu tlestew sal-bidu ta' Settembru; inċident intqal li seħħ nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2010; Clare Muscat Said issostni li ħadet xokk elettriku meta misset mal-pjanċa; li attur ma jeskludix li impjegat ma waħħalx il-wajer ta' l-earth; Clare Muscat Said ma jippermettix lill-attur biex jiċċekkjaw (u possibilment jirrettifika) il-problema li ssostni; Clare Muscat Said qabdu impjegat electrician ieħor li hija tallega iddikjara - li l-pjanċa ta' s-swiċċ kien 'live'; li kien hemm konnessjoni ta' l-earth nieqsa fuq il-pjanta ta' swiċċ u li kien hemm wajer 'maqrus'; Clare Muscat Said qalet li ħadet ir-ritratti li ġew esebiti, ħadithom hi, meta l-eletrician kien hemm u hu jmis it-tester mal-plakek it-tester xell qabel ma' waħħal l-earth; l-electricians impjegati minn Claire Muscat Said qatt ma ppreżentaw ruħhom biex jixhdu dak li sabu. Iżda kif iddikjara fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012, Dr. Gatt qal li din il-persuna ser jġibha tixhed biex tispjega imma qatt ma ġiet. Fl-aċċess li kien sar fis-26 ta' Ottubru 2011 kollu kien apparentement tajjeb. Fl-affidavit ta' Ms. Clare Muscat, ppreżentat fit-3 ta' Lulju 2012: fl-ewwel paragrafu, fil-każ tal-"Fuse" tal-provvista prinċipali (Enemalta) hi ssostni li meta l-"Fuse" faqqa', l-"earth leakage circuit breaker/salva vita" ma inteffiex u għalhekk tikkonkludi li l-ittestjar ta' l-installazzjoni elettrika qatt ma sar; Din hija konklużjoni żbaljata. Il-"Fuse" inħaraq minħabba f'sitwazzjoni ta' kurrent eċċessiv (overload situation) minħabba 'short circuit' fil-swiċċ tal-pompa; Is-salvavita bl-isem tiegħu huwa 'earth leakage circuit breaker' mhux 'overload protector'. Fit-tieni paragrafu l-ilmenti li jissemmew ma kienux appoġġjati minn affidavit tal-Perit Zammit, la ma kien imsejjaħ bħala xhud. Il-każ ta' l-inċident tal-konnessjoni ta' l-earth allegata nieqsa digà ssemma hawn fuq. Hi ssostni wkoll li l-earth leakage circuit breaker ma jintefiex. Il-punti l-oħra huma minuri, mhux substansjati, huma aktar ta' natura ekomoika. Huma kienu jiġu indirizzati mill-cross check mitlub mill-eletrician. <u>Fuq l-aspett monetarju, il-punti li ġejjin huma rilevanti.</u> Mit-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2012 - il-perit staqsa jekk apparti mir-rati, jekk l-ammonti finali jirriflettu n-numru at 'as fitted' finali? Clare Muscat Said qalet li hemm xi żbalji fil-kont ta' l-aħħar għax hi għaddiet il-plakek u ma qablitx. Hemm qabża kbira biex waħħal il-fittings tal-kamra tal-banju, żamm euro 21*

*il-biċċa u dan ma kienx il-ftehim. Hemm ħafna affarijiet doppji kif indika l-electrician. Il-perit staqsa jekk kellha cross check ta' xi haddieħor. Dr. Gatt qal li dan kien sar. Il-Perit staqsa biex jiġi provdut dan il-konfront. Dr. Gatt qal li din il-persuna ser jġibha tixhed biex tispjega. Il-Perit talab li jkollu kopja tal-paragun li għamel l-electrician. Dawn qatt ma ġew preżentati. Nota tal-Perit skond il-punt Nru.12 fl-abbozz plumbing Dok. E5 l-ispiża għal kull biċċa ġie rivedut minn 18.63 Euro għal 9.52 Euro. Mit-traskrizzjoni tas-seduta tas-16 ta' Diċembru 2014 Christian Muscat ippreżenta dokument intitolat "Electrical Installation Quotation". Mistoqsi mill-perit, Christian Muscat stqarr li din hija lista ta' l-istallazzjoni, magħmula minn "William Borg". Mistoqsi mill-perit, is-Sur Muscat stqarr li ma kienx jaf in-numru ta' karta ta' l-identità tiegħu (ta' William Borg). Il-perit irrimarka li dawn ma kienux iffirmati. Dawn ġew markati "DCE1-6". Mill-kont kif ippreżentat mill-attur, fl-assenza tal-paragun mitlub, il-perit irriveda d-dokumenti DCE1-6 ("Electrical Installation Quotation" "List") biex tqabbel din il-'Lista' kontra l-kontijiet dettaljati teħtieġ xogħol iżjed estensiv fid-dettal. Madanakollu d-differenza għax-xogħlijiet elettriku jkun biss 800 Euro qabel l-VAT anke qabel ma wieħed jibda biex jiċċekkja d-dettalji. Minn reviżjoni ta' Dok. E7 jirriżulta li l-metodu ta' komputazzjoni tal-kont finali hija żbaljata: peress li l-ħlasijiet akkont (payment on account) huma mnaqqsa mill-ispiża totali ta' l-elementi qabel il-VAT, il-VAT kien imbagħad inħadem fuq il-bilanc li jirriżulta. Il-VAT kien messa ġiet imposta fuq l-oġġetti kollha. Il-pagamenti akkont kellu jitnaqqas mill-ispiża totali ta' l-elementi inklużi l-VAT. Kien hemm il-kwistjoni ta' jekk ix-xogħol żejjed (extra work) kellu jkun imħallas jew ngħata bħala kreditu. Din jista' jiġi solvut mill-komputazzjoni korretta kif tidher hawn taħt għal żewġ każijiet. Għalhekk jidher ċar li l-ammont mitlub fl-Avviż hija indikattiva li x-xogħlijiet addizzjonali kienu attwalment mogħtija bħala 'kreditu'.*

| ***Bill*** | ***Description*** | ***Document*** | ***Inlużi Extra Works*** | ***Mingħajr Extra Works*** |
|---|---|---|---|---|
| *1* | *Electrical Works* | *Dok E4/Dok CS5* | *€4,576* | *€4,576* |
| *2* | *Plumbing & Drains* | *Dok E5/Dok CS6* | *€4,057* | *€4,057* |
| *3* | *Extra Works* | *Dok CS1-2* | *€1,134* | *€0* |
| *Total Valur qabel il-VAT* | | | *€9,767* | *€8,633* |
| *VAT* | | | *€1,758* | *€1,554* |
| *Total Inkluża l-VAT* | | | *€11,525* | *€10,187* |
| *Pagament fuq il-kont* | | | *€4,000* | *€4,000* |
| *Total Dovut* | | | ***€7,525*** | ***€6,187*** |
| *Bilanċ ta' pagament mitlub fl-Avviż* | | | | ***€6,461*** |

*Fil-probabilità ta' l-avvenimenti kif irrapportat hawn fuq u b'mod partikolari n-nuqqas ta' provi miġjuba mill-konvenut ma jiġġustifikax in-nuqqas ta' ħlas ta' l-ammonti mitlub mill-attur, maħduma fil-komputazzjoni riveduta fis-sommarju*[18].

Fuq talba tal-konvenuti, illi ma qablux mal-konklużżjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku, b'Digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2016[19] il-Qorti nnominat Periti Perizjuri.

Wara li kkunsidraw l-atti, is-sottomissjonijiet ulterjuri li saru u wara li żammew aċċess fil-fond "Akalanka" Triq il-Lellux, Rabat, Malta, il-Periti Perizjuri kkonstataw u ikkonkludew illi: *żewġ aspetti ġew re-evaluati, l-aspett tekniku u dak monetarju.* ***L-aspett Tekniku -*** *għar-rigward dan l-aspett, il-periti perizjuri utilizzaw dawn imsemmija: (a) id-dokumenti provduti mir-reġistru tal-qorti tul dan iż-żmien mill-ħatra tagħhom; (b) ir-rapport tal-perit oriġinali ta' dan il-każ, ta' l-Inġinier Andrè Cauchi li ġiet sottomessa fl-20 ta' Jannar 2016; (ċ) l-osservazzjonijiet wara li sar aċċess mill-periti perizjuri fid-19 ta' Novembru 2018.* ***Osservazzjonijiet -*** *Skond ir-rapport ta' l-Inġinier Andrè Cauchi, Sezzjoni 2.7, intqal illi: "Fl-aċċess li kien sar fil-26 ta' Ottubru 2011 kollu kien apparentament tajjeb". L-esperti addizzjonali qablu mal-konklużżjonijiet tal-perit Inġinier Andrè Cauchi għar-rigward il-konklużjoni żbaljata fejn fl-affidavit ta' Ms. Claire Muscatt intqal illi "l-earth leakage circuit breaker/salva vita ma inteffiex" u li kien għalhekk li nħaraq il-fuse ta' l-Enemalta. L-ispjegazzjoni li ingħatat preċedeterjament mingħand il-perit Andrè Cauchi fir-rapport tiegħu paragrafu 2.8 hija ġusta. L-affidavit ta' Claire Muscat Said beda bil-fatt illi "Tlett fuses tal-Gvern u ta' l-Enemalta ġew tlett darbiet ibiddlu l-fuse". Mit-traskrizzjoni tas-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2012, Dr. Azzopardi talbet lil Mr. Eric Montfort jivverifika jekk l-Enemalta qatt intalbet li tmur fuq il-post. Mr. Eric Montfort kien se jivverifika jekk saret spezzjoni u jew sar rapport. Fl-ewwel seduta wara dik ta' l-10 ta' Mejju 2012, dan kien b'xi mod ikkonfermat mingħand Mr. Eric Montfort. Għar-rigward il-punt (i) imqajjem fis-sottomissjoni ta' Andrei Grech fid-19 ta' Marzu 2018, fejn huwa minnu illi r-referenza 'għall-electrician impjegat minn Clare Muscat Said ma hijiex prova stante illi l-electrician ma xehedtx f'dawn il-proċeduri minkejja li l-konvenuti kellhom kull ċans biex iressquh bħala xhud". Il-Periti perizjuri daru l-punti li l-konvenut ressaqlu mingħajr ma ikkunsidraw xi osservazzjonijiet ġodda li ma kienux qabel sottomessi. Il-Periti Addizzjonali jaqblu mar-relazzjoni ta' l-Inġinier Andrè Cauchi, nota 2.11, li 'il-punti l-oħra huma minuri, mhux substansjati, huma ta' natura ekonomika'.* ***L-aspett Monetarju -*** *Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012, meta Clare Muscat Said xehdet taħt ġurament fejn intqal illi l-ilma minn 1,509 euro tela' 4,248 euro u dawl minn 2,169 euro tela' għal 4,576 euro. Għal dan ir-rigward, komparazzjoni bejn il-kwotazzjoni primarja (CS3) mingħand Andrei Grech u l-kont finali (E3/E4/E5/E6) irriżulta li xi items kienu neċessarji fi kwantitajiet aktar jew xi drabi inqas, differenzi fil-metri tal-materjal utilizzati għall-installazzjoni finali abbażi tal-bżonnijiet tal-klijent. Għar-rigward id-dokument E7, l-esperti addizzjonali qablu mal-perit Inġinier Andrè Cauchi li l-komputazzjoni tal-kont finali hija żbaljata. Il-VAT irid jinħadem fuq it-total tas-servizz u ta' l-oġġetti kollha. Il-ħlas ta' €4,000 irid jitnaqqas minn fuq il-kont bil-VAT inkluż. Il-VAT ried jiġi wkoll miżjud mal-kont ta' l-Extra works. Għar-rigward id-dokument CS1-1 fejn skond email mibgħuta minn Andrei Grech fejn b'referenza għad-dokument CS1-2, dan kien diskrivut bħala, "Kreditu li ngħata mill-kumpannija u li fl-aħħar jispiċċa l-email li dawn ix-xogħlijiet speċjali huma mogħtija b'xejn". Allavolja dan mhuwiex rifless fid-dokument E7, madanakollu wara l-komputazzjoni tal-bilanċ*

---

[18] Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi, a fol. 47 sa' 139 tal-proċess.
[19] Fol. 141 tal-proċess.

*korrett u l-kreditu mogħti, il-Bilanċ finali huwa ta' €6,186.94. ... Fis-sottomissjoni notifikata mill-parti legali ta' Andrei Grech mibgħuta lill-esperti fid-19 ta' Marzu 2018, l-esponent ressaq dan il-punt għar-rigward l-aspett monetarju fil-punt numru (iii) b'referenza tar-rapport preċedenti tal-perit Andrei Cauchi. Punti: (a) Id-dokument DCE-1 sa' DCE-6 m'hemm l-ebda letter head jew referenza għall-kumpannija ta' Andrei Grech. Għall-fini ta' dan ir-rapport, l-ewwel stima ta' l-elettriku kienet ikkunsidrata bħala dik ta' Dok. C u l-kont finali huwa dak preżentat E3/E4/E5/E6. (b) Għar-rigward illi l-esponent Andrei Grech qed jitlob it-total tal-kont mingħajr il-kreditu mogħti primarjament lil Christian Muscat u lil Claire Muscat Said, l-Esperti Addizzjonali jħallu din id-deċiżjoni f'idejn il-Maġistrata.* ***Konklużjoni -*** *Abbażi tad-dokumenti provduti u verifikazzjoni tar-rapport ta' l-Inġinier Andrè Cauchi, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' ħlas ta' l-ammont dovut lill-attur Andrei Grech mingħand Christian Muscat u Claire Muscat Said*[20].

Mir-Relazzjonijiet tal-Perit Tekniku u tal-Periti Perizjuri jirriżulta b'mod ċar li t-talba ta' l-attur hija per lo più fondata filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma insostenibbli, u dana l-iktar minħabba nuqqas ta' provi sodisfaċenti dwar ix-xogħol allegatament mhux esegwit skond is-sengħa u l-arti w konteġġi żbaljati fil-kont finali.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-kostatazzjoni dwar jekk l-opra ġietx esegwita skond l-arti u s-sengħa hi materja ta' indole tekniku, u dment li l-konklużżjonijiet ta' l-espert tekniku ma ġewx gravament imqegħda fid-dubbju b'raġunijiet mhux privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami l-Qorti jkollha taċċetta dawn l-istess konklużjonijiet*[21]. Fil-każ in eżami l-Qorti hi tal-fehma li l-konklużżjonijiet raġġunti kemm mill-Perit Tekniku kif ukoll mill-Periti Perizjuri, li kkonfermaw il-konklużżjonijiet tal-Perit Tekniku, ma ġew bl-ebda mod imqiegħda fid-dubbju u għaldaqstant ma hemmx raġuni għalfejn ma għandhiex tistrieħ fuq dawn il-konklużżjonijiet għall-fini tad-determinazzjoni finali ta' l-każ *de quo*.

Mill-provi prodotti kjarament jirriżulta li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti kienet waħda ta' appalt, konsistenti fit-tqegħid u installazzjoni ta' xogħol ta' l-elettriku, ta' l-ilma u drenaġġ fil-fond "Akalanka" Triq il-Lellux, Rabat, Malta. Għall-fini li tiġi determinata n-natura tar-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti japplika l-prinċipju *illi wieħed iħares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti u jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni 'di fare' allura l-kuntratt huwa ta' 'locatio operis' mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni 'di dare' il-kuntratt huwa ta' bejgħ*[22]. Il-konvenuti jilqagħu għat-talba għall-ħlas ta' l-attur bl-eċċezzjoni li x-xogħol esegwit minnu ma kienx skond is-sengħa u l-arti, waħda mill-eċċezzjonijiet non che rimedji disponibbli lill-appaltant fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt.

Din l-eċċezzjoni però meta tkun immirata biex it-talba għall-ħlas tiġi miċħuda *in toto,* ma tistax tiġi sollevata w aċċettata b'mod indiskriminat u għal kull tip ta' ilment li l-appaltant jista' jkollu fir-rigward tax-xogħol esegwit fuq inkarigu tiegħu. In effetti huma ormai assodati l-prinċipji ġuridiċi li: *jekk id-difetti jkunu ta' ċerta gravità l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-'exceptio non rite adempleti contractus' għad-domanda li ssirlu*

[20] Relazzjoni tal-Periti Perizjuri, fol. 171 sa' 183 tal-proċess.
[21] Antthony Marcel Pace Asciaq noe v. Joseph Camilleri et, Citaz. Nru. 1486/94 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2004.
[22] Emanuel Galea et v. Christopher Meli et, Appell Ċivili Nru. 2082/97 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

*għall-ħlas; jekk min-naħa l-oħra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jiġu riparati jew jaċċetta riduzzjoni*[23] u li *għalkemm min iqabbad lil min jagħmillu xogħol ma għandux ikun imġiegħel jaċċetta xogħol ħażin jew inferjuri, lanqas jekk dan iħallas prezz anqas, dan ma jfissirx illi l-ħlas isir biss għal xogħol li jkun perfett. Dejjem issib xi ħaġa li 'setgħet saret aħjar' iżda b'hekk ix-xogħol ma jsirx xogħol ħażin li ma jistħoqqx ħlas*[24].

Fid-dikjarazzjoni[25] ppreżentata fit-3 ta' Lulju 2012 u minnha debitament iġġuramentata, il-konvenuta Claire Muscat Said telenka difetti fix-xogħol li skontha juru b'mod ċar li x-xogħol esegwit mill-attur ma huwiex skond is-sengħa u l-arti u li b'hekk ma għandu l-ebda dritt jitħallas il-bilanċ minnu pretiż. Id-difetti elenkati minnha huma:

- *L-Enemalta ġew tlett darbiet ibiddlu l-fuse. Andre dakinhar ma setax jiġi għax huwa kien filming flok konna aħna ta' priorità għalih. Ġie missieru li rari kien qatt ġie għal ħabta ta' l-għaxra ta' bil-lejl wara li tar il-fuse għat-tieni darba. Suppost faqqgħet is-salva vita u hekk jindika ċar li t-test tad-dawl qatt ma kien sar għax beda jtir il-fuse tal-gvern. Il-fuse faqqa' għat-tielet darba fil-presenza ta' missieru;*
- *Kien f'Ġunju ta' 2010 u aħna konna għadna ma morniex ngħixu fil-post u r-raġel kien mar jiċċekkja jekk hux kollox sew il-post u hekk kif daħal fil-garage ra l-ħajt imxarrab kollu ilma, iċċekkja t-toqba tal-lift tal-komun li aħna ma għandna xejn x'naqsmu miegħu w induna li kien kollu ilma. Tela' jiġri fuq hekk mill-ewwel induna li l-problema ġejja min-naħa tagħna għax il-biċċa t'isfel tal-ħajt tal-kċina kienet kollha imxarba. Ir-raġel għalaq mill-main tad-dawl minnufih. Dakinhar inħlew 'l fuq minn 100 unit ta' ilma. L-għada Andre ġie biex jara x'kienet il-problema u miegħu aħna ġibna l-Perit Zammit. Il-Perit induna mill-ewwel minn fejn kienet ġejja l-problema u kisser żewġ madumiet li diġà kienu twaħħlu permanenti, hawn instab li kien hemm joint mhux issikkata u din il-joint sa' llum ma nafux ir-raġuni għalfejn twaħħlet ftit metri 'l bogħod mix-shaft, hawn il-Perit kien qalilna li hemm saret joint fejn ma kellhiex issir iżda jibqa ħiereġ bid-dritt. Hawn jindika li t-test ta' l-ilma ma kienx sar għax kieku kien jinstab qabel ma jeħel il-madum. B'konsegwenza ta' dan kollu ħarġet ħafna moffa fil-garage għax ixxarbet biċċa kbira mit-torba. Jekk terġa tmur irridu llum inkissru parti mill-kċina għax qiegħda taħt il-bank tal-kċina;*
- *Il-Main tad-dawl xtaqnieh jidħol fil-ħajt u hekk Andre ħaffer toqba. Kif ġew ta' l-Enemalta biex iqabbdu il-main, ta' l-Enemalta ndunaw illi l-wire ma kienx twil biżżejjed minn fejn twaħħlet il-kaxxa għal wire ta' barra u Andre qallhom biex iġantu l-wire u ta' l-Enemalta bdew jidhqu u qallu 'ma tarax li dak tista' ġġantu". Illum spiċċajt bil-kaxxa tal-main fuq barra;*
- *Drains hżiena fl-aircondition tal-kamra tal-qtates, ma kellhiex issir T għax bil-gravity l-ilma beda ħiereġ barra. Illum spiċċajt bil-pipe minn barra kollu jidher. Ta' l-airconditions qallulna biċ-ċar li d-drain ma kienux mgħoddijin kif suppost;*
- *Aircondition tat-tfal bl-istess problema. Jaqbad l-airlocks u x'ħin ifettillu jaqbad iqattar;*
- *Aircondition tal-kċina huwa concealed u wara li kien tlesta x-xogħol min-naħa ta' Andre, ġew ta' l-aircondition biex iwaħħlu iżda huma indikawlna li ma kienx għadda pipe għar-remote u plus għal outdoor (kumpressur ta' barra) dan għaddew wara u r-remote spiċċat kellha tiġi fil-kuritur;*

---

[23] Charles Camilleri et v. Charles Farrugia noe, Citaz. Nru. 1494/92 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2004.
[24] Paul Tabone noe v. Charles Grech et, Citaż. Nru. 286/91 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Diċembru 2004.
[25] Fol. 98 u 99 tal-proċess.

- *Il-banju tiegħu li huwa wieħed standard xtaqt nagħmillu l-mixer imwaħħal mal-madum. Darba wara x-xogħol mort nara x'kien sar il-post u mill-ewwel nara li banju imtaqqab bil-mixer li ma kontx xtrajt jien. Ħadd ma avżani li kien ser jittaqqab il-banju li xtarjt Euro 900. Ċempilt lil Andre u qalli li ma sabx l-aċċessorji biex il-mixer oriġinali jitwaħħal mal-madum u jien għedtlu li dawn hemm kienu iżda huwa ma fittixhomx tant li hu hekk li dawn ġew irritornati lil Pitré. Jien ma stajtx nifhem kif jekk immur il-pipe tax-shower kif konna ħa nirranġawh u mhux kif qal Andre li jien ridt nagħmel service lill-banju. Il-problema kienet li l-pipe tax-shower li xi darba jew oħra dan żgur imur. Kellna neħlu wkoll kaxxa ta' l-aluminium biex din titgħatta. Biex ma nsemmux li weħilt mixer ta' Euro 380 dan kollu traskuraġni għax ma fittix l-aċċessorji tal-mixer li xtrajt jien jew imqar telefonata lili;*
- *Jien xtaqt nagħmel pressa għal banju tal-qtates u Andre qalilna biex nixtru dual pump u morna nixtru din minn Raħal Ġdid għal prezz ta' Euro 300+. Meta waħħal il-pompa u provajt il-banju tal-qtates rajt li ma kienx hemm pressa xejn u dan qalli għax il-pompa qiegħda fuq. Jien ma nifhimx fil-ilma u għedtlu li jien il-pressa għal dan il-banju biss ridtha għala għamiltha għall-kumplament tad-dar. Ħareġ bl-ideja wara li ssir pompa SEPARATA mill-oħra ħdejn il-banju tal-qtates u kellu jixtri pompa huwa li tiswa Euro 66 u huwa talabna Euro 160. Dan ivverifikajnih mill-ħanut minn fejn inxtrat;*
- *Jiena xtaqt nagħmel toilet fil-garage u Andre bagħtna għand AFS Ltd. biex nixtru mesairetis li swietna 'l fuq minn Euro 700. Andre għamel manhole u għamilha ġo fiha mingħajr ma konna nafu. Hekk tlifna l-garanzija u l-pipijiet ta' l-ilma ma kienux imqabbdin sewwa u llum għadek tara biċċa mill-ħajt li tkisser biex tiġi irranġata. Aħna qatt ma wżajna din il-mesarieties għax l-ewwel ħaġa ma konniex noqghodu hawn u nafu li kienet għada trid tiġi rranġata għax ma kienitx imwaħħla tajjeb. Ma nafx xi ħmieġ qal li kien neħħa?*
- *F'Settembru tat-2010, ir-raġel kien rieqed u jien kont dieħla fis-sodda u hekk kif xegħlet l-iswitch ta' ħdejn is-sodda hadt shock qawwi w s-salva vita ma faqqatx, tant il kelli mmur għand it-tabib għax idejja baqgħet tuġani ħafna. L-għada stess jien ġibt qualified electrician u hekk kif għamel tester mal-plakka xegħel it-tester. Nerġa ngħid illi allura t-test tad-dawl ma sar qatt. L-electrician fetaħ il-plakkek u induna mill-ewwel illi l-plakek kollha ma kienux bl-earth. Andre gie nfurmat l-għada filgħodu li kont ħadt shock qawii u huwa kien ċempel VCT Ltd. minn fejn xtrajna l-plakkek biex jiċċekkja jekk dawn kellhomx jiġu bl-earth. Filgħaxija kien ġie huwa ma' missieru u f'idejhom kellhom il-wire ta' l-earth, jiġifieri dan stajt immut jien jew it-tfal u wara kien jagħmel l-earth lill-plakkek;*
- *Il-hood tal-kċina, Andre nesa jgħaddilha Plus u dan kellha titqabbad mad-dawl tal-bieb ta' barra.*

Għalkemm il-konvenuta tagħti dan l-elenku kollu, il-konvenuti bl-ebda mod ma ikkoroboraw dak minnhom allegat, korroborazzjoni li fid-dawl tan-natura teknika tal-każ in eżami kienet mhux biss meħtieġa imma neċessarja biex tigi ppruvata l-eċċezzjoni tagħhom li x-xogħol esegwit mill-attur ma huwiex skond is-sengħa u l-arti. Għalkemm il-konvenuta tallega li Perit, ċertu Perit Zammit, qalilha li x-xogħol ta' l-ilma esegwit mill-attur ma sarx kif tirrikjedi s-sengħa u l-art, għal raġuni għal kollox inspjegabbli dan il-Perit ma tressaqx bħala xhud. Għalkemm il-konvenuta tallega li t-technicians ta' l-airconditioners qalulha li x-xogħol ta' dawl fejn huma konċernati l-airconditioners ma sarx skond is-sengha u l-arti, f'dan il-każ ukoll għal raġuni inspjegabbli dawn it-technicians ma tressqux bħala xhieda. Anke l-electricians li l-konvenuta tikkontendi li għamlu xogħlijiet rimedjali għax-xogħol magħmul ħażin mill-attur baqgħu ma tressqux bħala xhieda. Hawn jiġi rilevat li tul il-ġbir tal-provi quddiem il-Perit Tekniku l-

konvenuti kienu ħarku lil William Borg u lir-rappreżentanti ta' BD Installations biex jixhdu iżda dawn ma kienux telgħu jixhdu u minkejja tali fatt l-konvenuti xorta għaddew biex jagħlqu l-provi tagħhom mingħajr ma ressqu lil dawn ix-xhieda biex jixhdu dwar il-fatti tal-każ magħrufa lilhom. Evidentement mingħajr il-korroborazzjoni ta' dawn ix-xhieda, dak allegat mill-konvenuta Claire Muscat Said ma huma xejn għajr allegazzjonijiet li baqgħu mhux sostanzjati.

Apparte n-nuqqas ta' provi korroboratorji għal dak allegat mill-konvenuta Claire Muscat Said, jirriżulta wkoll li xi allegazzjonijiet sollevati minnha huma għal kollox teknikament infondati, bħal ad eżempju meta tallega li l-fatt li meta mar il-fuse tal-Gvern is-salva vita ma faqqatx huwa indikattiv li l-attur ma għamlix it-test tad-dawl. Kemm il-Perit Tekniku kif ukoll il-Periti Perizjuri kkonkludew illi din l-allegazzjoni hija teknikament infondata in kwantu l-fuse inħaraq minħabba *overload situation* u s-salva vita tfaqqa' peress li hija *earth leakage circuit breaker* u mhux *overload protector*.

In kwantu rigwarda x-xogħlijiet fejn sar xi xogħol rimedjali u/jew ix-xogħol ma sarx eżatt kif xtaqu l-konvenuti, dawn, kif ġustament osservat mill-Perit Tekniku u mill-Periti Perizjuri, kienu affarijiet minimi li ċertament ma jistax jingħad li kienu difetti essenzjali fix-xogħol esegwit mill-attur li jwasslu biex l-attur jitlef b'mod assolut id-dritt għall-ħlas minnu pretiż. Għad illi sar xogħol rimedjali, skont il-konvenuti a spejjeż tagħhom, peress illi ma ressqux prova sodisfaċenti fir-rigward ta' spejjeż li setgħu inkorrew għal tali skop, il-Qorti ma tistax tieħu l-istess in konsiderazzjoni fil-kuntest tat-talba ta' l-attur għall-ħlas.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk il-Qorti tadottata bħala tagħha l-konklużżjonijiet tal-Perit Tekniku u l-Periti Perizjuri fir-rigward ta' l-aspett tekniku ta' dan il-każ u tqis li l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti li ebda ħlas ma huwa dovut lill-attur għaliex ix-xogħol esegwit minnu mhux skond is-sengha u l-arti ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Il-Qorti tagħmel referenza għan-nota annessa mill-Periti Perizjuri mar-Rapport tagħhom[26] fejn josservaw illi: *following the on-site inspection at the above address, which was held on the evening of Monday 19 November 2018, the below identified and appointed Court Experts noted that the main electrical consumer unit at this installation is currently protected by an RCD (Residual Current Device) which is rated at 100mA tripping current. The industry standard would normally recommend this level of protection to be rated at 30mA. The existing 100MA rated device may compromise safety and raises the risk of injury by electrocution before the final protection RCD trips. This matter falls beyond the original scope of the inspection and was not one of the issues contemplated by the plaintiff. Furthermore, the Court experts are not in a position to comment on the time when this overrated RCD device was installed on the premises, by whom or whether it is indeed the original one fitted by the defendant contractor, and therefore can only state as a fact what the undersigned have witnessed on the date and time of the site visit, and as shown by the image accompanying this notification. It is therefore being recommended that, in their own interest, the tenants should contract a suitably qualified professional/entity to inspect, test and certify the existing installation in the soonest instance.*

[26] Fol. 183 tal-proċess.

Filwaqt illi tissolleċita lill-konvenuti jieħdu l-passi rakkomandati mill-Periti Perizjuri mill-iktar fis possibbli - anzi tqis u tispera li dan già sar peress illi r-Rapport tal-Periti Perizjuri ilu fil-pussess tagħhom għal diversi xhur - il-Qorti ma tqisx li għandha tikkunsidra din l-osservazzjoni kontra l-attur stante li l-Periti Perizjuri stess iddikjaraw li ma setgħux jistabilixxu jekk ir-Residual Current Device in kwistjoni ġiex installat mill-attur u l-konvenuti ma għaddew l-ebda osservazzjoni jew kumment fir-rigward ta' dak ikkonstatat mill-Perit Perizjuri u llimitaw ruħhom biex jgħidu li jirrimettu ruħhom għar-Relazzjoni tal-Periti. Il-Qorti għalhekk għada sa' llum fid-dubju dwar min effettivament installa tali Residual Current Device, partikolarment meta l-konvenuti stess iddikjaraw li wara l-attur daħħlu eletricians oħra jaħdmu fuq is-sistema magħmula mill-attur, u b'hekk dan l-aspett ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni fil-kuntest tat-talba attriċi.

Trattati dawn il-punti l-Qorti se tgħaddi issa biex tittratta l-*quantum* tat-talba ta' l-attur stante li kemm il-Perit Tekniku kif ukoll il-Periti Perizjuri għad illi rraviżjaw żball fil-konteġġi ta' l-attur, ma sabu l-ebda prova li tissosstanzja l-iżbalji l-oħra indikati mill-konvenuta Claire Muscat Said. Għalkemm il-konvenuta tikkontendi li l-attur indika affarijiet, kejlijiet u tulijiet li fil-fatt ma jirriżultawx li saru minnu, hija ma ressqet l-ebda prova li tikkorobora dak minnha allegat għalkemm tgħid li tali prova teżisti fil-forma ta' verifika minn electrician separat inkarigat minnhom wara li l-attur lesta x-xogħlijiet lilu kommissjonati. Fir-rigward tal-*quantum* pretiż mill-attur, minn konsiderazzjoni tal-konteġġi tal-Perit Tekniku[27] u tal-Periti Perizjuri[28] l-Qorti hija tal-fehma li l-konteġġi tagħhom huma fil-fatt korretti - anke fejn ikkunsidraw il-valur tax-xogħol addizzjonali esegwit mill-attur bħala skont a favur il-konvenuti - u b'hekk l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur huwa ta' **€6,186.94.**

Għalkemm fil-kritika tiegħu għar-rapport tal-Perit Tekniku l-attur osserva li *l-kreditu japplika f'każ li l-konvenut ikun ħallas u mhux meta jkun hemm litigazzjoni*[29], mill-provi dan ma jirriżultax anzi mill-kont a fol. 94 u 95 tal-proċess esebit mill-attur stess jirriżulta l-kumment *items in the brown box is a quantity of 1,134 euros given by A.G. Installations to client by credit.* Dan l-iskont jidher li kien wieħed inkondizzjonat u cioè mhux marbut mal-kondizzjoni tal-pagament da parte tal-konvenuti, anzi kjarament jidher li ngħata minħabba l-ħbiberija li kien hemm bejn l-attur u l-konvenuti. Apparte minn hekk wara r-Relazzjoni tal-Periti Perizjuri fejn fil-konteġġi finali tagħhom huma wkoll ikkunsidraw il-valur ta' €1,134 bħala skont mogħti mill-attur lill-konvenuti, l-attur ma kkontestax din il-konlużjoni, anzi għażel li jirrimettu ruħu għar-Rapport tal-Periti Perizjuri b'dana għalhekk li ġie li aċċetta l-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konklużjonijiet tagħhom.

Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li hemm element ta' ġustifikazzjoni fit-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, ossia li s-somma mitluba ta' €6,460.50 hija eżaġerata, u b'hekk it-talba attriċi tista' tiġi miqlugħa biss sa' l-ammont ta' **€6,186.94**.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti iżda tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom u konsegwentement tilqa' t-talba attriċi limitatament sa' l-ammont ta' €6,186.94 u tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, iħallsu lill-attur is-somma ta' €6,186.94, bl-imgħax legali dekoribbli mill-25 ta' Jannar 2016, id-data meta l-ammont korrett dovut lill-attur ġie determinat mill-Perit Tekniku l-Inġinier Andrè Cauchi, sad-data ta' l-effettiv pagament.

[27] Fol. 54 tal-proċess.
[28] Fol. 175 tal-proċess.
[29] Fol. 178 tal-proċess.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenuti, solidalment bejniethom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**